MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2013

Appell Kriminali Numru. 117/2011

**Appell Numru: 117/2011**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Spiridione Zammit]**
**Vs**
**Emanuel Bianchi**

Illum 17 t'Ottubru, 2013
Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 287983 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F'xi zmien qabel is 17 ta' Frar 2011 waqt li kien fi Triq Is-Sur Fgura ikkommetta serq ta' vettura tal-Ghamla Volkswagen Scirocco, liema vettura garaxxjata b'numru tar-reigistrazzjoni GAQ806, liema serq hu kkwalifikat bilmezz, valur li ma jeccedix l-elfejn, tlett mija u disa w ghoxrin ewro u seba' w tletin centezmu ( 2329.37ewro), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Edward Tabone minn Bormla .

U aktar talli, fl-istess zminijiet volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, u cioe' ghamel hsara li teccedi 1164.69 ewro fuq vettura tal-ghamla Volkswagen Scirocco, liema vettura garaxxjata b'numru tar-registrazzjoni GAQ806 ghad-detriment ta' Edward Tabone minn Bormla.

U aktar talli nhar il-25 ta' Frar 2011 ghal habta ta' 4pm u hinijiet qabel attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta' PC 859 Alistair Micallef persuna inkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku fil-waqt li kien qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn Awtorita` Kompetenti.

U aktar talli nhar il-25 ta' Frar 2011 fl-istess cirkustanzi ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PC 859 Alistair Micallef persuna inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

U aktar talli fl-istess cirkustanzi m'obdiex l-ordnijiet Legittimi ta' l-Awtorita' jew ta' uhud inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel lil dawn cioe' lil membri tal-Korp tal-Pulizija, lil PC859 Alistair Micallef waqt li kien qed jaghmel id dmirijiet tieghu u billi ma halliehx jaghmel dak li bil-Ligi kien ordnat li jaghmel u jew jista' jaghmel w billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ghamel skond il-Ligi b'mod li jkun.

U akkuzat ukoll talli zmien qabel is-17 ta' Frar 2011 saq u ghamel uzu minn vettura tal-ghamla Volkswagen Scirocco liema vettura garaxxjata b'numru tarreigistrazzjoni GAQ806, minghajr licenzja u minghajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta jew garanzija dwar irriskju ta' terzi persuni.

U b'hekk irrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula

jew imhassra u dan ai termini 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-sitta u ghoxrin (26) ta’ Frar, 2011 fejn il-Qorti, fuq ammissjoni ta’ l-imputat u wara li rat l-Artikoli 261 (b) (c) (f), 263, 267, 270, 271, 278(3), 95, 96, 338(ee), 325(1)(a), 49, 50, 17(h) u 17(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 u l-Artikolu 15(1) (a) tal-Kap. 65, sabet lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u ikkundannatu ghal tmintax (18)-il xahar prigunerija effettiva.

In oltre il-Qorti ordnat li l-imputat jigi skwalifikat milli jkollu jew li jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax-il xahar minn meta jiskonta l-piena ta’ prigunerija

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-2 ta’ Marzu, 2011 fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma is-sentenza appellata billi tikkonfermaha biss fejn sabitu hati li m’obdiex l-ordnijiet legittimi tal-pulizija, tilliberah mill-akkuzi l-ohrajn kollha, tirrevokaha ghall-kumplament, tilliberah mill-akkuzi l-ohra u fi kwalunkwe kaz timmodifikaha dwar il-piena illi taghmel wahda illi taghmel ghall-kaz.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Ma jistax ikun hemm serq meta l-oggett ikun res derelicata.

Il-valur ta’ Volkswagen Scirocco, lanqas jekk tkun ghadha mizmuma pinna ma tigi kkalkulata minn insurance company ghall-ammont illi jaggira sa elf lira Maltin. Illi certament l-istess vettura kien fiha tant hsara illi kien impossibbli li zzid hsara maghha ghaliex kienet kompletament dizintegrata.

Illi dwar ir-reati tal-attakk u r-rezistenza, ghandu jinghad illi bhal ma huwa ssoltu fejn jidhlu pulizija jinghataw l-akkuzi

kollha mill-attakk u rezistenza, mill-ingurja ghall-ufficjal pubbliku u nuqqas tal-bon ordni.

Illi dana ma jfissirx li ghandhom jirrizultaw ir-reati kollha ghaliex jekk anke mill-istatement illi sar kien hemm biss in-nuqqas li jobdi l-ordni legittima, allura ma kienx hemm ir-reati l-ohrajn kif jirrizulta mill-gurisprudenza x'ghandhom ikunu l-elementi tar-reat. Perezempju l-attakk u rezistenza irid ikun hemm il-vjolenza jew il-hebb. F'dan il-kaz xejn ma kien hemm. L-ebda daqqa ta' ponn ma xxejret da parti ta' l-imputat lejn xi ufficjal tal-pulizija.

Illi dwar il-kwistjoni tas-sewqan ta' vettura minghajr il-licenzja, fil-fatt jirrizulta li l-karozza kienet ghadha bil-licenzja valida u sidha kien telaq il-karozza fejn kienet u kien qieghed jistenna mid-dehra sakemm taghlaqlu il-licenzja sabiex imbghad jaghmel scrap.

Illi r-reat tal-kopertura tal-polza tas-sigurta ghalhekk lanqas ghandu jirrizulta f'dan il-kaz.

Illi stante r-reati ma jinkwadrawx hlief in-nuqqas tal-ubbidjenza lejn l-ordni tal-ufficjal pubbliku, ghandu jinghad f'dan ir-rigward illi r-recidiva ma kellhiex tigi applikata.

Illi rigward il-kwistjoni tal-ammissjoni, huwa minnu illi l-ammissjoni kultant titqies bhala regina tal-provi. Imma sahansitra quddiem il-Qorti Kriminali Superjuri u anke Inferjuri, jekk il-gudikat mill-provi li jkun hemm jidhirlu li l-imputat m'ghandux jammetti u ghandu jikkontesta, dan ghandu jsir.

Meta wiehed jezamina l-fatti kif graw, anke skond l-istatement minghajr ebda assistenza legali da part ital-appellanti, jirrizulta manifestament l-ilmenti li qed jinghadu hawn fuq u l-konsegwentament ma kienx hemm il-bzonn ta' sentenza ta' kundanna fuq ir-reati kollha.

Dwar il-piena fic-cirkostanzi u specjalment la l-istess appellant kien suggerit lilu li jekk jammetti se jiehu suspended sentence, din il-piena hija verament eccessiva.

Ikkunsidrat,

Irrizulta mill-provi li fis-17 ta’ Frar, 2010 l-appellant Emanuel Bianchi kkommetta serq ta’ vettura ta’ l-ghamla Volkswagen Scirocco meta dina kienet iggaraxxjata. Ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u anke hebb ghal xi pulizija illi kienu qeghdin jinvestigaw dan il-kaz. Terga, rrizulta illi ghamel uzu minn din il-vettura meta kienet igaraxxjata, minghajr licenzja u minghajr ma kienet koperta b’polza tas-sigurta jew garanziji dwar ir-riskji ta’ terzi persuni u rrenda ruhu recidiv. L-appellant irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri u giet minnu konfermata wara li gie moghti d-debita zmien skont l-Artiklu 453 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. B’Sentenza moghtija fis-26 ta’ Frar, 2011 il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal 18 –il xahar prigunerija u skwalifikatu milli jkollu licenzja tas-sewqan ghal zmien sena. L-appellant hassu aggravat minn din is-Sentenza u minnha nterpona appell.

L-aggravju principali tieghu huwa illi l-ammissjoni li kien iddikjara quddiem l-ewwel Qorti kienet difettuza ghax saret bi promessa ta’ vantagg u cioe’ Sentenza partikolari. Din is-Sentenza ma nghatatx allura d-drittijiet ta’ l-akkuzat gew illezi.

Ikkunsidrat.

Permezz tal-Verbal tas-26 ta’ Frar, 2011 l-appellant ghamel ammissjoni inkondizzjonata ta’ l-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu. Il-Qorti regghet taghtu okkazjoni sabiex jikkonsidra din l-ammissjoni pero’ rega’ kkonfermaha u ghaddiet biex taghti s-Sentenza. Fil-kawza Il Pulizija vs Martin J. Camilleri deciza mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fl-20 ta’ Jannar, 1995 il-Qorti qalet *“fuq ammissjoni ta’ l-imputat, il-Qorti ma tistax hlief tghaddi ghall- kundanna tieghu, almeno che ma jirrizultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura ta’ l-imputazzjoni, jew li ma kienetx l-intenzjoni tieghu li jammetti li hu hati ta’ dik l-imputazzjoni, jew li fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma*

*setghetx skont il-Ligi tikkundannah, cioe' ssibu hati ta' reat."* Huwa veru illi fl-istess Verbal tas-26 ta' Frar, 2011 hemm registrat li "*Il-prosekuzzjoni ma ssibx oggezzjoni ghas-suggeriment tad-difiza li l-imputat jinghata Sentenza sospiza fil-massimu taghha, apparti l-multi li jistghu jkunu applikabbli."* L-appellant qieghed jargumenta illi huwa ammetta minhabba din id-dikjarazzjoni u b'hekk allura l-ammissjoni tieghu ma kienetx libera u allura gew lezi d-drittijiet tieghu.

Ikkunsidrat.

Jibda biex jinghad illi s-suggeriment tad-difiza kif accettat mill-prosekuzzjoni sar wara illi l-appellant ammetta l-akkuzi inkondizzjonatament u wara illi gew adoperati l-formalitajiet kollha rikjesti ghall-ammissjoni valida. Quindi, f'dak l-istadju, zgur illi l-appellant ma kellux quddiemu dan is-suggeriment tad-difiza jew tal-prosekuzzjoni u ghalhekk l-ammissjoni tieghu ma tistax tkun difettuza 'l ghaliex f'dak l-istadju zgur ma kienx gie ghadu registrat is-suggeriment tad-difiza u tal-prosekuzzjoni. Il-Qorti pero' ma qaghditx ghal dan is-suggeriment u ghadiet biex timponi piena karcerarja skont kif jidhrilha hi fic-cirkostanzi wara li qieset l-ammissjoni bikrija, l-koperazzjoni ta' l-appellant u l-fedina penali refrettarja tieghu.

Ikkunsidrat.

Rigward is-suggeriment ta' sentenza sospiza, din il-Qorti taghmilha cara illi l-ewwel Qorti mhijiex marbuta ma xi suggerimenti li jistghu isiru mill-partijiet ghal sentenza partikulari ghad illi f'dan il-kaz ikun desiderabbli illi l-ewwel Qorti tinforma lill-partijiet illi ma kienetx ser thossha marbuta b'dik il-mizura jew sanzjoni. F'dan il-kaz ma sarx u l-Qorti ghaddiet biex timponi piena kif dehrilha hi f'dawk ic-cirkostanzi. Ma hemm xejn formalment hazin f'din is-Sentenza u l-ewwel Qorti minkejja illi ma mmanifestatx in-nuqqas ta' aderzjoni taghha ma kisret l-ebda ligi u setghet liberament tghaddi ghas-Sentenza kif fil-fatt ghamlet. Peress illi t-talba fir-rikors ta' l-appell hija biss ghal konferma fejn sabet lill-appellant hati li ma obdiex ordnijiet legittimi tal-pulizija u talba biex jigi liberat mill-akkuzi 'l

ohra mhux il-kaz illi din il-Qorti tidhol fir-revoka ta’ din is-Sentenza minhabba nuqqas ta’ aderzjoni ta’ dak patwit la dan ma giex mitlub mill-appellant. Hu ben saput illi l-Qorti ma tistax tmur oltre minn dak mitlub.

Ghal dak li jirrigwardja l-meritu din il-Qorti thoss illi l-ewwel Qorti fuq il-provi illi kellha quddiemha, specjalment l-ammissjoni inkondizzjonata ta’ l-appellant u wara li rat il-fedina penali refrettarja tieghu, setghet ragonevolment u legalmet tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi din id-deskrizzjoni ta’ l-ewwel Qorti tigi disturbata.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------